MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

## ONOR. IMHALLEF

## MARK CHETCUTI

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2015

Rikors Numru. 50/2014

**Ivan Gauci**

**David Sammut**

**Joseph Buhagiar**

**vs**

**L-Avukat Generali**

**Il-Kummissarju tal-Pulizija**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors kostituzzjonali tar-rikorrenti tal-24 ta' Gunju 2014 li jghid hekk:

1. Illi flimkien ma' tmien ko-imputati ohra r-rikorrenti gew akkuzati talli:

• Nhar it-3 ta' Mejju 2008, ghal-habta ta' 13:15hrs u fil-gimgha ta' qabel din id-data gewwa il-Kazin 'Peace Band Club', sitwat fi Pjazza Vittorja, Naxxar, f'isimhom propja u bhala korp jew ghada ta' persuni, sew jekk tkun persuna guridika jew le, kull persuna li, fil-hin tal-ghemil tar-reat, kienet direttur, manager, segretarju jew ufficjal iehor simili tal-korp jew ghaqda, jew kienet tidher li qed tagixxi f'dik il-kariga:-

• Ghamlu jew xjentement zammew jew kellhom ghandhom jew taht il-kontroll taghhom xi sustanza espluziva taht dawk ic-cirkostanzi illi jaghtu ghaliex wiehed ghandu bir-ragun jahseb illi huma ghamluha, zammewha jew kienet ghandhom ghal hsieb mhux lecitu;

• U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi dahhlu f'Malta porvli ta' l-isparrar, jew esplozivi ohra, inkella fethu jew zammew fabbriki tal-porvli jew xogholijiet tan-nar, inkella fabrikki ohra fejn jinhadmu porvli jew esplozivi ohra, minghajr licenza mill-Kummissarju tal-Pulizija liema licenza ma tigix moghtija kemm il-darba ma jittiehdux il-prekawzjonijiet mehtiega ghall-harsien tal-hajja u tal-propjreta;

• U aktar talli fl-istess, data, hin, lok u cirkostanzi, zammew ghal bejgh jew haznu provli tal-isparar jew esplozivi minghajr licenza tal-Kummissarju tal-Pulizija;

• U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bhala l-persuni responsabbli mill-Kazin Peace Band Club naqsu u jzommu l-osservanza tar-Regolamenti dwar ir-Registrazzjoni ta' Kazini;

2. Illi fil-mori tal-kawza l-Avukat Generali ezercita l-poteri tieghu taht l-artikolu 370(3)(f) tal-Kodici Kriminali u fl-4 ta' Gunju 2009 baghat l-atti bir-rinviju ghall-gudizzju fil-konfront tar-rikorrenti u l-ko-imputati l-ohra;

3. Illi fir-rinviju ghall-gudizzju l-Avukat Generali ma ghamel l-ebda distinzjoni bejn l-imputati u l-artikoli tal-ligi li gew indikati kienu l-istess fil-konfront ta' imputati kollha;

4. Illi l-Avukat Generali talab fir-rinviju ghal gudizzju tieghu li qabel jinqraw l-artikoli jigi inserit fl-atti tal-kumpilazzjoni l-process verbal (jew kopja taghha) dwar l-inkjesta tal-ispluzzjoni li sehhet fit-12 ta' Marzu 2008 gewwa Triq Had-Dejgh, Naxxar u 'dan ghal kull buon fini';

5. Illi fis-seduta tat-28 ta' Settembru 2009 l-intimat Kummissarju tal-Pulizija iddikjara li ma ghandhux aktar provi u ghalhekk inqraw l-artikoli tal-ligi lill-imputati kollha;[1]

[1] Ara fol 402 ta' L-atti tal-Kumpilazzjoni.

6. Illi l-imputati gew mistoqsija jekk huma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jinstema quddiem il-Qorti tal-Magistrati din id-darba bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u l-imputati kollha inkluz ir-rikorrenti taw il-kunsens taghhom;

7. Illi ghalhekk beda l-istadju tad-difiza;

8. Sussegwenti diversi differimenti koncessi sabiex id-difiza tirregola ruhha sar arrangament bejn l-intimati u seba' mil-ko-imputati l-ohra fuq il-prosegwiment tal-kawza. Sar qbil bejn l-intimat il-Kummissarju tal-Pulzija u ko-partecipi mieghu kien hemm ukoll l-intimat Avukat Generali, mar-rapprezentanti legali ta' seba' ko-imputati li dawn tal-ahhar kellhom jirrispondu biss ghal artikolu wiehed (imputazzjoni wahda) tal-ligi kif indikat minn l-Avukat Generali u dan nonostante li c-citazzjoni li biha kienu gew akkuzati kif ukoll r-rinviju ghall-gudizzju prezentat minn l-Avukat Generali talbu mod iehor;

9. Illi dan il-ftiehiem gie ivverbalizat fis-seduta tad-19 ta' Settembru 2013 u fis-6 ta' Dicembru 2013; Kopji annessi u immarkati dok A;

10. Illi huwa car u manifest li b'dan l-arrangment filwaqt li gie lez id-dritt tas-smiegh xieraq tar-rikorrenti, sofrew ukoll diskriminazzjoni bl-aktar mod sfaccat;

11. Dan qieghed jigi rilevant stante li filwaqt li l-Artikolu 91 tal-Kostituzzjoni jaghti protezzjoni lill-Avukat Generali fl-operat tieghu meta jistitwixxi l-azzjoni penali jew iwaqqafha, pero dan ma jezimihx milli josserva d-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti. L-istess il-Kummissarju tal-Pulizija. Fil-fatt dan l-arrangament ma hux previst mill-ligi. La l-Kostituzzjoni u l-anqas il-Kodici Kriminali ma jipprevedi li l-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-pulizija jidhlu f'dan it-tip ta' arrangament bejnithom a skapitu tal-imputati l-ohra;

12. Illi la darba l-Kummissarju tal-pulizja kif ukoll l-Avukat Generali ghazlu li jezercitaw l-poter ezekuttiv u kwazi gudizzjaru taghhom billi akkuzaw lill-imputati kollha b'mod ugwali permezz tac-citazzjoni u bil-hrug tar-rinviju ghal gudizzju rispettivament, il-ftiehem taghhom ma' numru ta' ko-imputati biss, holoq diskriminazzjoni fl-applikazzjoni jew in-non applikazzjoni tal-ligi, minghajr bazi legalment miktuba u approvata mill-parlament. Anzi jirrizulta li b'mod implicitu l-intimati hadu decisjoni fuq il-mertu tal-kaz billi illiberaw minn l-osservanza tal-gudizzju lill-numru ta' ko-imputati u ikkundannaw lir-rikorrenti, liema gudizzju kien jispetta biss lill-gudikant;

13. Illi l-fatt li l-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ippermettiet u ikkonsentiet li ssir dan l-arrangament stante li halliet kemm lill-pulizija kif ukoll lill-ko-imputati jivverbalizaw dak li huma ftiehmu jikser id-dritt tal-akkuzati ghal-gudizzju indipendenti u imparzjali (artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea) u d-dritt taghhom li ma jkunux soggett ghal-agir diskriminatorju (artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea);

14. Din is-sitwazzjoni kienet aktar gravi stante li intimat Avukat Generali involva ruhhu fid-diskussjonijiet ta’ dan il-ftiehem wara li ddikjara li huwa ma kellu l-ebda locus standi (stante li kien baghat l-Atti bir-rinviju ghal gudizzju) u ghalkemm qabel ma’ dan il-ftiehem, rid li ma jitnizziel fil-verbali huwa kien ko-partecipi fih;

15. Illi din ir-rilutanza tal-intimat Avukat Generali minn l-ewwel turik li dan il-ftiehem kien qieghed issir minghajr bazi legali u kontra kull principju tal-gustizzja naturali;

16. Fil-kuntest tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, dan l- artikolu jipprovdi li kull min jinsab akkuzat b'xi reat, ghandu, fost affarijiet ohra, dritt li l-kaz tieghu jinstema' minn tribunal indipendenti u imparzjali. Dan id-dritt jimplika li l-kaz irid jigi deciz minn tribunal stabbilit bil-ligi;

17. Illi l-fatt biss li l-Qorti tal-Magistrati ikkonsentit li ssir dan il-ftiehem bir-rilutanza tal--intimat Avukat Generali implicitament tat x'tifhem li diga kienet iddecidiet il-kaz fis-sens li hija kienet se tadderixxi ma’ dan il-ftiehem;

18. Illi anke l-possibilita ta' sitwazzjoni bhal din tikser id-dritt tas-smigh xieraq tar-rikorrenti u dan stante li l-gustizzja titlob li mhux biss trid issir b'mod ugwali imma trid ukoll tidher li qed issir;

19.Ir-rikorrent jinvoka ukoll l-artikolu 14 tal- Konvenzjoni Ewropea, li tiddisponi li fit-twettiq tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem, ebda bniedem m'ghandu jigi trattat b'mod diskriminatorju. F'dan il-kuntest hu risaput illi dak li jrid jigi ppruvat huwa illi l-allegat trattament kien differenti minn dak li nghata lil persuna ohra li kienet tal-istess deskrizzjoni tieghu. Il-paragun li minnu jehtieg li tohrog id-distinzjoni li hi l-bazi tar-reklam ta' diskriminazzjoni pratikament:

"timporta zewg elementi, u cioe', li l-lanjant ma giex ittrattat b'certu mod waqt li haddiehor fl-istess cirkostanzi (in pari conditione) gie jew kien gie ttrattat b'certu mod waqt li haddiehor fl-

istess cirkostanzi ma giex. Fi kliem iehor irid isir paragun bejn l-izvantaggjat u l-ivvantaggjat fuq terren ta' cirkostanzi pari[2]

20. Il-kriterji biex tirnexxi azzjoni bazata fuq deskriminazzjoni kienu gew ampjament diskussi mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fil-kawza "Vassallo et vs Kummissarju tal-Pulizija", fejn dik l-Onorabbli Qorti esprimiet ruhha fit-termini segwenti:

"Il-principju tan-non-diskriminazzjoni hu ovvjament wiehed mill-pilastri tas-sistema kollha tal-protezzjoni tad-drittijiet fondamentali u jillumeggja dak l-aspett tar-rule of law li jipproklama l-ugwaljanza tac-cittadini kollha quddiem il- ligi. Kif esprima ruhu Gerhard Muller, President tal-Qorti Kostituzzjonali Federali tar-Repubblika Federali tal-Germanja:

"it is through this very principle of equality which prohibits any arbitrary procedure and is closely related to the principle of justice itself, that the whole system of fundamental rights is given its finishing touch ...”.[3]

21. Illi kif ritenut ghalkemm dan id-dritt ma hux wiehed li jista’ jigi intiz fis-sens assolut jew aritmetiku ddivorzjat mic-cirkostanzi u kondizzjonijiet inerenti fis-sitwazzjoni li tkun qieghda tigi ezaminata tali differenzjazzjoni pero biex tkun legittima trid tirpoza fuq bazi objettiva u ragonevoli, tenut kont tal-ghan u l-effetti tal-mizuri in ezami, u jrid ikun hemm rapport ragonevoli ta' proporzjonalita bejn il-mezzi impjegati u l-iskop vizwalizzat;

22. Dan l-insenjament jidher li gie segwit - b'varjazzjonijiet zghar li aktar jirriflettu l-fatt ispecie tal-kaz li jkun milli xi spostament ta' principju;[4]

23. Ghalhekk, ikun hemm diskriminazzjoni meta l-kazijiet ugwali jew persuni f'sitwazzjoni ugwali jigu trattati b'mod differenti u ma jkunx hemm bazi oggettiva u ragonevoli ghal tali trattament differenti.

24. Illi r-rikorrenti issostnu li ma kien hemm l-ebda legittimita fil-ftiehiem li intlahhaq fuq l-ebda bazi legali bejn l-intimati u l-ko-imputati fil-kawza taghhom quddiem il-Qorti tal-Magistrati. Dan qieghed jigi sostnut ukoll peress li fil-ligi taghna ma hemm l-ebda lok ghal 'plea bargaining';

---

[2] "Galea noe vs Kummissarju tal-Pulizija", deciza mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fit-22 ta' Jannar, 1990.

[3] deciza fis-16 ta' Awissu, 1976.

[4] Ara fosthom "Il-Pulizija vs Muscat" , deciza minn din il-Qorti (Sede Kostituzzjonali) fit-28 ta' Lulju, 1989, "Borg noe vs Ministru ta' l-Affarijiet Barranin u Kultura et", deciza wkoll minn din il-Qorti (Sede Kostituzzjonali) fit-2 ta' Mejju, 1984, "Cacopardo vs Ministru tax-Xogholijiet et", deciza mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fl-20 ta' Frar, 1987, "Debono Grech vs Mizzi et noe", deciza mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fit-3 ta' Frar, 1999, u "Agrimalt Ltd vs Awtorita' tal-Ippjanar", deciza wkoll mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fl-14 ta' Jannar, 2004.

25. Illi ghalhekk l-agir tal-intimati ghandu jigi censurat. Huwa principju ta' dritt amministrattiv, illi kull diskrezzjoni moghtija ma hi qatt assoluta, izda trid dejjem tigi ezercitata ragjonevolment u b'rispett lejn id-drittijiet fundamentali tal-bniedem; il-kuncett ta' "unfettered discretion" ma jezistix fid-dritt pubbliku ta' pajjiz demokratiku. Meta ligi taghti diskrezzjoni, dan m'hemmx ghalfejn jinghad, ghax hu implicitu u inerenti f'kull fakolta diskrezzjonali moghtija lil xi awtorita jew ufficcjal kompetenti, li dik id- diskrezzjoni trid tigi ezercitata bil-mod indikat, mod li trid l-ligi u l-ordinament guridiku. Gia fl-1891, Lord Halsburg , fil-kaz "Sharp vs Wakefield" kien osserva:

"Discretion means when it is said that something is to be done within the discretion of the authorities that that something is to be done according to the rules of reason and justice, not according to private opinion: ... according to law, and not humour. It is to be, not arbitrary, vague and fairful, but legal and regular" .

26. Fl-1925, Lord Wrenbury fil-kaz "Roberts vs Hopwood" osserva:

"A person in whom is vested a discretion must exercise his discretion upon reasonable grounds. A discretion does not empower a man to do what he likes merely because he is minded to do so - he must in the exercise of his discretion do not what he likes but what he ought. In other words, he must, by the case of his reason, ascertain and follow the course which reason directs. He must act reasonably"

27. Illi "In a system based on the rule of law, unfettered governmental discretion is a contradiction in terms".[5] La l-Avukat Generali u l-anqas il-Kummissarju tal-Pulizija ma huma l-eccezzjoni. Kwindi, ghalkemm il-Kummissarju tal-Pulizija kif ukolll-Avukat Generali huma intitolati li imexxu l-prosekuzzjoni f'kawza kriminali kontra r-rikorrenti dan b'diskrezzjoni assolut, fil-verita, dan mhux hekk, stante li dik id-diskrezzjoni trid tigi uzata ragjonevolment, in bona fidi u b'rispett Iejn id-drittijiet u I-libertajiet tal-individwu;

28. Fic-cirkustanzi, jidher car li r-rikorrent fil-kaz partikolari uzaw d-diskrezzjoni taghhom b'mod irragonevoli u diskriminatorju, fis-sens li s-seba' ko-imputati l-ohra li kienu u huma fl-istess cirkostanzi taghhom gew trattati b'mod differenti bil-konsegwenza li r-responsabilita ta' dan l-incident fl-istadju tad-difiza intefghat fuq ir-rikorrenti biss;

Ghaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha.

[5] Wade & Farsyth, "Administrative Law" Oxford Press 7th Edit. 1994 p391

(1) Tiddikjara li gew lezi d-drittijiet tal-esponenti kif protetti bl-Artikoli 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u bl-Artikoli 6, u 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem;

(2) U Konsegwentement takkorda dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi kollha li tqis xierqa sabiex twettaq jew tizgura t-twettieq tad-drittijiet fundamentali fuq citati tal-esponenti, inkluz billi tordna t-thassir tal-proceduri kriminali pendenti kontra l-esponenti u wkoll billi takkorda lill-istess esponenti kumpens xieraq ghall-vjolazzjonijiet fuq imsemmija.

U dan salv kull provvediment iehor xieraq u opportun li din l-Onorabbli Qorti thoss li ghandha taghti.

Bl- ispejjez.

Rat ir-risposta tal-intimati li tghid hekk:

1. Illi preliminarjament, l-esponenti jemmnu li l-azzjoni tar-rikorrenti hija ghal kollox intempestiva. Dan ghaliex kif tajjeb intqal mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza Morgan Ehi Egbomon vs. Avukat Generali maqtugha fis-16 ta' Marzu 2011, s'issa ghadu mhux maghruf kif u taht liema cirkostanzi r-rikorrenti sejrin jigu zvantaggjati waqt is-smigh taghhom. Tassew f'dan l-istadju tal-proceduri mhuwiex indikattiv li l-ilmenti tar-rikorrenti jigu diskussi u trattati in vacuo u b'hekk din l-Onorabbli Qorti hija mitluba biex ma tezercitax is-setghat kostituzzjonali u konvenzjonali taghha;

F'dan il-kuntest huwa stabbilit anke f'gurisprudenza konsistenti, li biex tinsab lezjoni tas-smigh xieraq kif imhares taht l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, huwa mehtieq li l-process gudizzjarju jigi ezaminat fil-kumpless kollu tieghu. Bhala regola, meta wiehed japprezza jekk proceduri humiex xierqa jew le, wiehed m'ghandux ihares biss lejn xi nuqqasijiet procedurali li jokkorru imma lejn jekk fl-assjem taghhom, il-proceduri kinux jew le kondotti b'gustizzja fis-sostanza u fl-apparenza (ara Perit Joseph Mallia vs. Onor. Prim Ministru et deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-15 ta' Marzu 1996;

Meta wiehed jigi biex jifhem kif japplikaw l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni jridu tabilfors jitqiesu l-fatturi processwali partikolari tal-kaz, b'mod illi biex wiehed jiddetermina jekk kienx hemm ksur tal-jedd ta' smigh xieraq, wiehed irid iqis il-process kollu kemm hu, maghduda maghhom l-imgiba tal-Qorti li tkun u kif ukoll ta' kif l-interessi tal-persuna mixlija kienu mressqa u mharsin mill-istess Qorti (Ara Kost. 4.8.1999 fil-kawza fl-ismijiet Fenech vs. Avukat Generali (Kollez. Vol: LXXXlll.i.213)). Wiehed ma jistax u m'ghandux jiffoka fuq bicca biss mill-process shih gudizzjarju biex minnu, jekk isib xi nuqqas jew ghelt, jasal ghall-konkluzjoni li tabilfors sehh ksur tal-jedd tas-smigh xieraq (Kost.

18.8.1998 fil-kawza fl-ismijiet Pullicino vs. Onor. Prim Ministru et (Kollez. Vol: LXXXII.i.158, a fol. 225));

F'dan il-kaz ir-rikorrenti qed jaghmluha donnhom bhala fatta li huma mhumiex sejrin ikollhom smigh xieraq minhabba l-kontenut ta' dak li qie registrat mill-ufficjal prosekutur fil-verbali mizmuma quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali waqt is-seduti tad-19 ta' Settembru 2013 u tas-6 ta' Dicembru 2013. Illi bid-dovut rispett, apparti li kif sejjer jigi muri aktar 'l isfel dawn il-verbali ma kkomprommettew bl-ebda mod il-jeddijiet processwali u difensjonali tar-rikorrenti, xorta wahda jibqa' l-fatt li l-Qorti tal-Magistrati ghad trid tevalwa jekk hemm bzonn dawn il-verbali allegatament ta' hsara lir-rikorrenti. Ikunx hemm vjolazzjoni tad-dritt ghal smigh xieraq, ghalhekk, jiddependi minn kif il-Qorti tal-Magistrati sejra titratta dawn il-verbali. Ghal dak li jiswa l-Qorti tal-Magistrati tista' lanqas biss taghti piz glial dak li tnizzel f'dawn iz-zewg verbali. Wara kollox il-kontenut tal-verbali ma tantx ghandhom wisq rilevanza minhabba l-fatt li l-Qorti tal-Magistrati xorta wahda trid taghrbel u tixtarr l-evidenza kollhali giet migjuba quddiemha. Tabilhaqq huwa fuq is-sahha dik l-evidenza li l-Qorti ha tiddeciedi jekk ir-rikorrenti humiex hatja jew le u mhux fuq dak li tnizzel fil-verbali inkwistjoni. L-istess jghodd ghall-ko-akkuzati l-ohra, fis-sens li d-decizjoni tal-Qorti mhux ha tkun mibnija fuq il-verbali imma fuq dak li ha ssib mill-evidenza mressqa quddiemha;

Ghalhekk il-fatt li saru dawn il-verbali mill-prosekuzzjoni ma ssostnix it-talba ta' ksur ta' jedd ta' smigh xieraq ghaliex dawn wahidhom mhumiex determinanti tal-kwistjoni minnhom sollevata, b'dana li l-ilment tar-rikorrenti huwa ghal kollox intempestiv u prematur. Jigi b'hekk li l-ilment ta' nuqqas ta' smigh xieraq imqanqal mir-rikorrenti jista' jigi ezaminat biss ladarba l-process kriminali taghhom jigi konkjuz;

2. Illi bla hsara ghas-suespost dwar il-mertu nnifsu tal-ilment tar-rikorrenti, safejn dan imiss mal-jedd ta' smigh xieraq, l-esponenti jitilqu billi jissommettu li huma ma jistghux jifhmu kif il-kontenut tal-verbali fuq imsemmija ppregudika l-jedd ta' smigh xieraq tar-rikorrenti;

F'din il-qaghda l-jedd ta' smigh xieraq invokat mir-rikorrenti, fil-generalita tal-kazijiet, jidhol biss (i) meta ma jkunx hemm tribunal indipendenti u imparzjali, (ii) meta jkun hemm dewmien ingustifikat waqt is-smigh tal-kawza, (iii) meta jkun hemm nuqqas ta' access lill-qrati, (iv) meta s-smigh jissokta fl-assenza tal-parti fil-kawza, (v) meta ma jkunx hemm equality of arms bejn il-partijiet kontendenti fil-kawza, (vi) meta parti ma tinghatax id-dritt li tinstema' (audi alterem partem) u/jew li tressaq il-kaz taghha kif imiss u (vii) meta s-sentenza tinghata minghajr motivazzjoni. Imbaghad senjatament fil-kazijiet ta' proceduri kriminali, il-jedd ta' smigh xieraq jista' jigi mqajjem fis-sitwazzjonijiet fejn il-bniedem akkuzat: (i) ma jgawdix mill-presunzjoni tal-innocenza, (ii) ma jigix mgharraf dwar in-natura u r-raguni tal-akkuza miguba kontra tieghu, (iii) ma jkollux iz-zmien u l-facilitajiet xierqa ghall-preparazzjoni tad-difiza tieghu, (iv) ma jinghatax id-dritt li jiddefendi ruhu personalment jew permezz ta' assistenza legali, (v) ma jgawdix mill-jedd li ma jinkriminax ruhu, (vii) ma jkollux id-dritt li jezamina jew li jara li jigu ezaminati xhieda kontra tieghu u li jikseb l-attendenza u l-ezami ta' xhieda favur

tieghu taht l-istess kundizzjonijiet bhax-xhieda u (viii) fl-ahhar jekk dan ma jkunx jista' jibbenefika mis-servizzi gratwiti ta' interpretu fl-eventwalita li l-proceduri jitmexxew b'ilsien li hu ma jifhimx;

Dan attiz, ghandu jirrizulta bl-aktar mod kategoriku u manifest li l-ilment imressaq mir-rikorrenti f’din il-kawza ma jaqa' taht l-ebda wahda mic-cirkostanzi msemmija hawn fuq. Fis-sewwa l-verbali li qed jattakkaw ir-rikorrenti ma nehhulhomx l-imsemmija garanziji jew xi wahda minnhom;

Ghaldaqstant inkwantu jikkoncerna l-jedd ta' smigh xieraq it-talba tar-rikorrenti hija ghal kollox insostenibbli galadarba l-kaz taghhom ma jinkwadraw imkien f'dan l-artikolu;

3. Illi fuq kollox il-verbali li qed jigu ccensurati mir-rikorrenti lanqas biss jolqtu lilhom direttament u allura wiehed tabilfors jistaqsi kif dawn jistghu jitqiesu li saru bi hsara ghall-jeddijiet processwali tar-rikorrenti. L-imsemmija verbali bl-ebda mod ma taffew il-piz li jaqa' fuq il-Prosekuzzjoni biex tipprova kif imiss il-kaz taghha kontra r-rikorrenti. Imbilli l-prosekuzzjoni ghamlet dawk id-dikjarazzjonijiet ma jfissirx b'daqshekk li r-rikorrenti huma ghalhekk awtomatikament hatja;

4. Illi hawnhekk ta' min ifakkar ukoll li r-rikorrenti ghad ghandhom kull opportunita li jgibu l-kontro-provi taghhom u li jaghmlu dawk il-kontro-deduzzjonijiet taghhom biex jeghlbu dawk li gew maghmula mill-prosekuzzjoni waqt l-istadju tal-provi taghhom. Jigifieri r-rikorrenti ghadhom fic-cans li jikkonvincu u jheggu lill-Qorti tal-Magistrati dwar l-estraneita taghhom mar-reati li gew mixlija bihom. Hekk ukoll ir-rikorrenti ghandhom f'idejhom kull opportunita li jwaqqghu jew jinnewtralizzaw dak li gie verbalizzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati:

5. Illi f'kull kaz id-dikjarazzjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni fil-verbali inkwistjoni ma humiex decizivi fis-sens li dawn assolutament ma jorbtux idejn il-Qorti meta din ha tasal biex tghaddi ghall-gudizzju finali taghha. Minn dan l-aspett allura l-Qorti tgawdi minn liberta assoluta fid-diskrezzjoni prudenzjali taghha, b'dana li hija hielsa li tiddeciedi l-kaz kif trid hi u kif jidhrilha xieraq fic-cirkostanzi;

F'din il-qaghda l-argumenti tar-rikorrenti dwar l-irregolarita u l-illegittimita ta' dak li huma jsejhulu ftehim li ntlahaq bejn il-prosekuzzjoni u d-difiza ta' whud mill-ko-akkuzati huma ghal kollox irrilevanti fil-kuntest tal-ilment ta' ksur ta' jedd ta' smigh xieraq imqanqal mir-rikorrenti. Fis-sewwa ma sar l-ebda ftehim quddiem il-Qorti tal-Magistrati biex xi ko-akkuzati jigu lliberati u r-rikorrenti jinstabu hatja. Id-decizjoni finali hija mhollija f'idejn il-Qorti;

6. Illi ulterjorment id-dikjarazzjonijiet registrati fil-verbali de quo ma jikkostitwixxu l-ebda sura ta' decizjoni izda biss espressjoni ta' fehma tal-prosekuzzjoni dwar il-pozizzjoni ta' xi whud mill-ko-akkuzati. Tassew f'dawn il-verbali l-prosekuzzjoni m'ghaddiet l-ebda forma ta' gudizzju. Bilkemm ghandu ghalfejn jinghad tali kompitu huwa rizervat biss lill-gudikant sedenti fil-Qorti tal-Magistrati. Hekk ukoll kuntrarjament ghal dak insinwat mir-rikorrenti, il-prosekuzzjoni ma lahqet l-ebda sura ta' patteggjament ma' whud mill-akkuzati. Bl-istess mod ma gew irtirati l-ebda akkuzi kontra hadd.

F'dan, ir-rigward is-sentenzi u l-principji mehuda mid-dritt amministrattiv dwar u-ragonevolezza tad-diskrezzjoni citati mir-rikorrenti fir-rikors kostituzzjonali taghhom huma irrilevanti peress li la l-prosekuzzjoni u wisq anqas l-Avukat Generali ma ezercitaw xi diskrezzjoni amministrattiva f'dan il-kaz. Kif ga nghad d-diskrezzjoni finali dwar sejbien ta' htija jew innocenza hija fdata f'idejn il-Qorti u mhux fuq il-prosekuzzjoni;

Min-naha pero l-prosekuzzjoni ghandha kull dritt li timmanifesta l-hsibijiet taghha bhala parti mis-sottomissjonijiet taghha anke jekk dawn ikunu favorevoli ghall-akkuzat. Wiehed irid izomm f'mohhu li l-irwol tal-prosekuzzjoni mhuwiex li akkost ta' kollox tipprova ggib certifikat ta' sejbien ta' htija izda l-irwol taghha huwa li ssib il-verita. Wara kollox fil-parametri tal-artikolu 346 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, huwa fid-dmir tal-Pulizija li tigbor il-provi, sew kontra sew favur il-persuna suspettata li tkun ghamlet dak ir-reat. Ghalhekk jekk il-prosekuzzjoni hasset li m'hemmx bizzejjed evidenza fl-atti processwali biex twassal ghall-htija ta' xi hadd jew li s-sehem ta' xi hadd f'attivita kriminali partikolari hija inqas minn dik ta' haddiefior, ikun fid-dover tal-Pulizija li tqajjimha quddiem il-Qorti;

Appuntu f'dan il-kaz il-Pulizija dehrilha wara li ngabru l-provi li whud mill-ko-akkuzati, ghalkemm membri tal-kumitat tal-kazin, ma kinux jafu li fil-basement kien thaffer hajt bil-mohbi fejn hemmhekk go lok mistur kien qed jinhazen u jinhadem materjal marbut mal-loghob tan-nar. Mhux hekk biss, irrizulta lill-Pulizija li whud mill-ko-akkuzati lanqas cavetta ma kellhom biex jinzlu fil-basement. Ghaldaqstant f'dan ix-xenarju l-prosekuzzjoni hasset li l-ko-akkuzati ma kellhomx kollha l-istess sehem fl-akkuzi li gew proferiti kontrihom u dan wassalha biex taghmel dawk id-dikjarazzjonijiet li rrizultaw fil-verbali. B'daqshekk pero imbilli ghamlet dawn l-osservazzjonijiet, il-prosekuzzjoni bl-ebda mod ma kienet qed tissostiwixxi d-diskrezzjoni finali li bil-ligi hija moghtija lill-gudikant;

7. Illi bla tlaqliq hija minghajr gieh u ta' stmerrija l-allegazzjoni tar-rikorrenti li kien hemm xi konfoffa bil-kompartecipazzjoni tal-Avukat Generali kontra r-rikorrenti. Il-prosekuzzjoni ghandha kull dritt li tiddiskuti l-kaz taghha internament u li mbaghad taqsam il-hsibijiet taghha ghall-kunsiderazzjoni tal-Qorti;

8. Illi multo magis kif intqal fis-sentenza Anthony Bugeja vs. Avukat Generali et deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-3 ta' Frar 2014, il-jedd ta' min hu mixli quddiem qorti ta' gurisdizzjoni

kriminali mhuwiex imsejjes fuq l-illuzjoni illi l-process irid jitmexxa b'mod li jiggarantixxi ezitu favorevoli ghall-akkuzat. Daqskemm l-akkuza ma hijiex kundanna, daqstant iehor l-akkuzat ma ghandux jedd jaghzel hu b'liema akkuzi jigi mixli. Dik l-ghazla tmiss legittimament lill-prosekuzzjoni. Lanqas ma jista' l-akkuzat icahhad lill-prosekuzzjoni milli tfassal l-akkuzi fuq fatti li lill-istess prosekuzzjoni jidhrilha li jkunu hargu waqt il-kumpilazzjoni. Bl-istess ragunament allura r-rikorrenti ma jistghux jikkundannaw jew jindahlu lill-prosekuzzjoni fuq id-dikjarazzjonijiet maghmula fil-verbali inkwistjoni. Tassew l-akkuza bhad-dikjarazzjonijiet maghmula fil-verbali inkwistjoni ma joholqu ebda pregudizzju lir-rikorrenti ladarba dawn ghandhom il-fakolta jressqu xiehda favur it-tezi taghhom, kif ukoll li jaghmlu kontro-ezami tax-xhieda tal-prosekuzzjoni;

9. Illi r-rikorrenti lanqas ma jistghu jallegaw li garrbu lezjoni tal-prezunzjoni tal-innocenza ghahex dan il-principju ma jorbotx lill-Avukat Generali u lill-Pulizija fil-funzjoni taghhom ta' prosekuturi;

10. Illi fl-ahharnett ir-rikorrent huwa ingust meta fir-rikors kostituzzjonali jipprova jattakka l-indipendenza u l-imparzjalita tal-gudikant li kien qed jippresjedi l-Qorti tal-Magistrati meta gew ifformolati l-verbali inkwistjoni. Imbilli l-prosekuzzjoni u d-difiza ta' whud mill-ko-akkuzati vverbalizzaw dikjarazzjoni kongunta, ma jfissirx b'daqshekk li allura l-Qorti ma baqghetx aktar ekwidistanti bejn il-partijiet. Bhalma lanqas ma jfisser necessarjament li l-Magistrat kien ha jabdika mid-doveri tieghu ta' Qorti minhabba dik id-dikjarazzjoni. Wara kollox dik id-dikjarazzjoni saret mill-partijiet u mhux mill-Qorti nnifisha. Barra minn hekk il-Qorti ma setghetx twaqqaf lii dawn il-partijiet jekk huma riedu jaghmlu dawk id-dikjarazzjonijiet. Ghalhekk l-esponenti qajla jistghu jifhmu ghaliex b'dawk il-verbali, il-Qorti b'mod oggettiv u suggettiv ma baqghetx aktar indipendenti u/jew imparzjali kif donnhom qed jimplikaw ir-rikorrenti;

Imma anke kieku stess, ilium dan ii-punt jinsab sorvolat billi l-kaz tar-rikorrenti m'ghadux qed jinstema' mill-Magistrat li kien sedenti fiz-zmien li gew miktuba dawn il-verbali izda l-kaz taghhom qed jinstema' minn Magistrat iehor;

Ghalaqstant ghal dawn ir-ragunijiet kollha l-ilment tar-rikorrenti b'rabta mal-jedd ta' smigh xieraq kif imhares taht il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea ma huwiex wiehed misthoqq u ghandu jigi mwarab;

11. Illi minghajr pregudizzju ghal dak fuq imsemmi, safejn l-ilment tar-rikorrenti huwa mibni fuq l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea jissokta jinghad li biex dan ikun jista' jigi invokat jehtieg li jkun imwahhad ma' jedd fondamentali iehor li huwa protett mill-Konvenzjoni ghalkemm mhux necessarjament irid ikun hemm attwalment sejbien ta' lezjoni f'xi wiehed minn dawn l-istess jeddijiet abbinati (ara Lawrence Borg pro et noe vs. Avukat Generali, Qorti Kostituzzjonali, 28 ta' Mejju 2010 u Q.E.D.B. fil-kawza fl-ismijiet Cabales and

Balkandali vs. Ir-Renju Unit (1985)). Mir-rikors promotur ma jirrizultax li r-rikorrenti rabtu dan l-ilment tad-diskriminazzjoni ma' xi dritt sostantiv iehor li jinsab protett fil-Konvenzjoni Ewropea. Ghalhekk stricto jure minhabba dan il-fattur wahdu, il-kwistjoni konvenzjonali tar-rikorrenti abbazi tal-artikolu 14 ma tistax tigi kkunsidrata;

12. Illi maghdud ma' dan, hemm element iehor li ma jinsabx sodisfatt mir-rikorrenti ghalbiex ikun jista' jigi fis-sehh il-provvediment dispost fl-artikolu 14. F'dan il-kwadru, ghandu jinghad li skont dan l-artikolu 14, it-tgawdija tad-drittijiet u libertajiet kontemplati fil-Konvenzjoni ghandha tigi assigurata minghajr diskriminazzjoni ghal kull raguni bhalma huma s-sess, razza, kulur, lingwa, religjon, opinjoni politika jew opinjoni ohra, origini nazzjonali jew socjali, assocjazzjoni ma' minoranza nazzjonali, proprjeta, twelid jew status iehor. Anke hawn ma giet allegata ebda diskriminazzjoni ghal xi raguni ta' status kif imsemmi, sabiex ikun hemm vjolazzjoni tal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni;

Kif intqal fis-sentenza, Enrietta Bianchi et vs. Avukat Generali et, mill-Qorti Kostituzzjonali fl-24 ta' Gunju 2011, "mhux kull trattament divers iwassal ghal diskriminazzjoni skont l-Arlikolu 14 imsemmi izda biex tigi ravvitata tali diskriminazzjoni dak it-trattament divers irid ikun motivat minn wiehed mill-istatus elenkati f'dak l-artikolu jew fuq xi generu ta' status iehor (Ara Kaz Kjeldsen, Busk Madsen u Pedersen v. Denmark, ECHR 6 Dicembru 1976 § 56; Kaz Carson u Ohrajn v. UK § 61, ECHR Grand Chamber, 16 Marzu 2010)";

Anke minn din il-perspettiva, ma giex muri mir-rikorrenti li l-allegat trattament diskriminatorju, kien imsejjes fuq xi kawzali ta' status, inkwantu karattestika personali tar-rikorrenti. Ghalhekk galadarba t-trattament divers imqanqal mir-rikorrenti ma huwiex xprunat fuq l-ebda wiehed mill-kawzali li jinsab protett mill-artikolu 14 tal-Konvenzjoni, isegwi li anke minn dan l-aspett, l-istharrig kostituzzjonali mitlub mir-rikorrenti ma jistax jigi milqugh;

13. Illi f'kull kaz, bla hsara ghal dak fuq imsemmi, l-esponenti lanqas ma jaraw li nkisret ir-regola marbuta mat-trattament indaqs. Kif fuq inghad il-prosekuzzjoni ma hadet l-ebda decizjoni li hija determinanti u vinkolanti fil-konfront tar-rikorrenti izda kulma ghamlet hija li tat il-fehma personali taghha dwar il-pozizzjoni ta' whud mill-ko-akkuzati. B'ripetizzjoni l-verbali maghmula mill-prosekuzzjoni mhumiex ekwivalenti ghal xi sejbien ta' htija jew ghal xi decizjoni finali. Ghalhekk l-esponenti ma jistghux jimmaginaw kif dawn il-verbali b'xi mod xekklu lir-rikorrenti mit-tgawdija tad-drittijiet u l-libertajiet taghhom kif ikkontemplati u mharsa bil-Konvenzjoni;

14. Illi b'zieda ma' dan, il-prosekuzzjoni fil-fehma meqjusa taghha ma tahsibx li l-pozizzjoni tar-rikorrenti hija l-istess bhal dik tal-ko-akkuzati l-ohra li jissemmew fil-verbali inkwistjoni. Appuntu ghalhekk il-prosekuzzjoni ma setghetx testendi d-dikjarazzjoni hemm registrata fil-verbali favur ir-rikorrenti wkoll. Minn dan l-aspett allura r-rikorrenti ma jistghux iqabblu lilhom infushom mal-ko-akkuzati l-ohra u ma jistghux jinvokaw id-diskriminazzjoni;

15.Illi fuq kollox mhuwiex il-kompitu ta' din l-Onorabbli Qorti li toqghod tevalwa r-rizultanzi tal-provi migjuba fil-proceduri kriminali biex tara jekk ir-rikorrenti kienx haqqhom li jigu inkluzi fil-verbal jew le. L-gharbiel tal-provi u s-sejbien ta' htija jew innocenza huma rizervati ghall-qrati b'gurisdizzjoni kriminali u mhux lill-qrati b'setghat kostituzzjonali;

Jigi b'hekk li l-ilment tar-rikorrenti kif mibni fuq l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea huwa minghajr ebda fondament guridiku;

16. Illi fl-ahharnett dejjem bla pregudizzju, inkwantu r-rikorrenti qeghdin jippretendu li jigu mhassra l-proceduri kriminali mibdija kontra taghhom, dan huwa ghal kollox inkoncepibbli. Taht dan il-profil l-esponenti jaghmlu riferenza ghal dak imtenni mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza Charles Steven Muscat vs. Avukat General tat-8 ta' Ottubru 2012, li l-jedd li jaghtu l-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni huwa dak ghal smigh xieraq. Ma hemm ebda jedd li kull min hu akkuzat b'reat kriminali jigi liberat minn dik l-akkuza, jew li l-akkuzat jinghata l-mezzi biex, hati jew mhux, jinheles mill-akkuza, jew li, minhabba xi irregolarita, tkun xi tkun, min fuq il-fatti ghandu jinstab hati ghandu jithalla jahrab il-konsegwenzi ta' ghemilu;

Ghaldaqstant fid-dawl ta' dan kollu l-esponenti umilment jitolbu lii din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra taghhom.

Rat l-atti u n-noti ta’ sottomissjonijiet;

Rat li r-rikors thalla ghas-sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni tal-intimati dwar l-intempestivita tal-azzjoni kostituzzjonali.

**Ikkunsidrat**

**Fatti**

Il-fatti li jidhru mill-atti huma s-segwenti.

Ir-rikorenti flimkien ma’ tmien persuni ohra kienu mixlija quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali b’akkuzi dwar importazzjoni u hazna illegali ta’ materjal splussiv.

Fil-mori tal-proceduri quddiem il-Qorti saru zewg verbali quddiem il-Qorti wiehed fid-19 ta’ Settembru 2013 u iehor fis-6 ta’ Dicembru 2013.

Fl-ewwel verbal saret dikjarazzjoni mill-prosekuzzjoni u d-difensur tal-akkuzati kollha hlief ir-rikorrenti fejn qablu li fir-rigward tat-tmien akkuzati setghet tirrizulta htija biss fir-rigward tat-tielet imputazzjoni. Fis-seduta tas-6 ta’ Dicembru 2013 l-avukati ta’ dawn it-tmien akkuzati qajmu l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni fuq it-tielet akkuza.

Fid-19 ta’ Mejju 2014 ir-rikorrenti informaw lil Qorti li kienu tressqu proceduri kostituzzjonali u l-prosekuzzjoni ghalhekk talbet is-separazzjoni tal-gudizzju bejn ir-rikorrenti u t-tmien akkuzati l-ohra. Din it-talba giet milqugha u fil-waqt li l-proceduri kriminali kontra r-rikorrenti thallew pendenti sine die sakemm tinqata l-vertenza kostituzzjonali ordnat it-tkomplija tal-proceduri fil-konfront tal-akkuzati l-ohra. Fit-3 ta’ Marzu 2015 inqatghet il-kawza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminarli fil-konfront tat-tmien akkuzati l-ohra.

Ir-rikorrenti qed jibbazaw l-ilment fuq il-verbali tal-Qorti ta’ Settembru u Dicembru 2013 fejn qed jallegaw illi dawn il-verbali illedew id-dritt taghhom ghal smigh xieraq u illi gew diskriminati fil-konfront tal-akkuzati l-ohra.

Il-kwistjoni quddiem din il-Qorti ser titratta biss jekk tali allegazzjonijiet humiex prematuri o meno u bl-ebda mod ma hi ser tidhol fil-mertu tal-ilment kostituzzjonali.

**Ilment dwar jekk il-verbali illedewx id-dritt ta’ smigh xieraq**

Hi l-fehma tar-rikorrenti illi bil-verbal tal-prosekuzzjoni fuq parir tal-Avukat Generali gie ezercitat poter b'mod abusiv minghajr ebda jedd fil-ligi billi l-ligi ma taghti ebda jedd ghal patteggjament fuq l-akkuzi aktar u aktar meta dan isir fi stadju tardiv tal-proceduri, u ma' whud biss mill-ko-akkuzati meta l-akkuzati kollha huma mixlija bl-istess akkuzi. Il-pregudizzju li sofrew ir-rikorrenti jikkonsisti fil-fatt illi huma jridu jirrispondu ghal akkuzi kollha mentri t-tmien imputati l-ohra ibbenefikaw minn arrangement bla fondazzjoni fil-ligi. Ir-rikorrenti ma ghandhomx mezz fil-ligi biex jissalvagwardaw id-drittijiet taghhom ghal dak li sehh. In oltre bil-patteggjament, ir-rikorrenti garrbu effett negattiv li jsejsu difiza adegwata, prattika u effettiva ghaliex id-difiza ma tibdiex f'gheluq il-provi tal-prosekuzzjoni izda mindu jsiru jafu bl-akkuzi u ghalhekk jistghu igibu ruhhom b'certu mod. Dan inbidel kollu bil-verbali li saru peress illi issa x-xiehda tal-ko-akkuzati la darba l-gudizzju gie separat tista' tintuza fil-konfront taghhom meta qabel ma setghetx. Ma' dan jizdied illi l-imparzjalita tal-Qorti kellha tkun wahda oggettiva u soggettiva u l-fatt li l-Qorti halliet li jsir tali verbali u accettatu jmorru kontra din l-imparzjalita, ergo l-lezjoni tad-dritt ta' smigh xieraq.

Din il-Qorti tqis illi hu applikabbli in principju dak li qalet il-Qorti Kostituzzjonali fir-referenza kostituzzjonali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Dr. Melvyn Mifsud** fejn gie osservat illi:

> Fil-kaz odjern, izda - u f'dan l-istadju qieghed jigi indirizzat l-ewwel aggravju tal-appellant - jirrizulta wkoll element iehor li kien jimmilita kontra li ssir ir-riferenza odjerna u kontra li din il-Qorti tiddikjara kienx hemm xi vjolazzjoni tad-dritt fundamentali ghal smigh xieraq jew li x'aktarx ser tavvera ruhha tali vjolazzjoni. Hija l-gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti u tal-organi ta' Strasburgu li l-ezami jkunx hemm vjolazzjoni tad-dritt ghal smigh xieraq irid isir billi jittiehed qis tal-procedimenti kollha fl-assjem taghhom u li ghalhekk dan l-ezercizzju, fil-principju, huwa indikat li jsir biss fi tmiem il-procedimenti u mhux qabel (ara inter alia **David sive David Norbert Schembri vs Avukat Generali**, Kost 25/03/2011; **Repubblika ta' Malta vs Carmel Camilleri**, Kost 22/02/2013).

Madankollu kull principju ma hux assolut izda hu linja jew kejl regolatur li fuqu wiehed irid jibbaza d-decizjoni, pero kull kaz irid bil-fors jittiehed fil-kuntest tal-fattispecie partikolari tieghu bl-isformaturi kollha li jsawwruh. Mill-banda l-ohra ghalkemm id-drittijiet fondamentali tal-bniedem huma sagrosanti u ghandhom jigu protetti bil-qawwa kollha mill-organi gudizjarji, hadd ma ghandu jabbuza minn tali drittijiet jekk ghad hemm rimedji ordinarji li huma miftuha u jistghu jkunu effettivi jew fejn wara li l-fatti kollha jghaddu mill-gharbiel gudizzjarju, ma jirrizultax fuq bazi ta' ragonevolezza li ebda lezjoni ma jidher li qed issir jew x'aktarx ser issir f'dak l-istadju li jkun qed jigi invokat l-ilment.

Fuq din il-linja giet deciza l-kawza **Dimech v. Malta** fit-2 ta' April 2015 mill-Qorti Ewropean tad-Drittijiet tal-Bniedem fejn jintqal hekk:

> 43. The Court notes that according to its constant case-law the question whether or not court proceedings satisfy the requirements of Article 6 § 1 of the Convention can only be determined by examining the proceedings as a whole, that is, once they have been concluded. However, the Convention organs have also held that it is not impossible that a particular procedural element could be so decisive that the fairness of the proceedings could be determined at an earlier stage (see, inter alia, X. v. Norway, Commission decision of 4 July 1978, Decisions and Reports (DR) 14, p. 228; Bricmont v. Belgium, 7 July 1989, Series A no. 158; Papadopoulos v. Greece, (dec.), no. 52848/99, 29 November 2001; Arrigo and Vella v. Malta (dec.), no. 6569/04, 10 May 2005 and Pace v. Malta (dec.), no. 30651/03, 8 December 2005). At the same time, the Convention organs have also consistently held that such an issue can only be determined by examining the proceedings as a whole, save where an event or particular aspect may have been so significant or important that it amounts to a decisive factor for the overall assessment of the proceedings as a whole – pointing out, however, that even in those cases it is on the basis of the proceedings as a whole that a ruling should be made as to whether there has been a fair hearing of the case (see, inter alia, X v. Switzerland, no. 9000/80, Commission decision of 11 March 1982, DR 28, p. 127; B v. Belgium, Commission decision of 3 October 1990, DR 66, p. 105; Cervero Carillo v. Spain, (dec.), no. 55788/00, 17 May 2001; Mitterrand v. France (dec.) no. 39344/04, 7 November 2006 and more recently, De Villepin v. France (dec.), no. 63249/09, 21 September 2010).

Din il-Qorti tqis illi f'dan il-kaz il-proceduri kollha sa issa juru illi hu prematur li jinghad li hemm jew x'aktarx ser ikun hemm lezjoni ta' dritt ta' smigh xieraq fil-konfront tar-rikorrenti. Jibda biex jinghad illi verbal maghmul mill-partijiet bl-ebda mod ma jorbot lil Qorti. Semmai jorbot lil partijiet li ghamluh izda mhux lil Qorti sakemm ma hemmx l-adezjoni tal-istess Qorti li wara kollox hi l-organu lit rid tiggudika l-kaz u mhux il-prosekuzzjoni jew il-ko-akkuzati.

F'dan il-kaz din il-Qorti tqis bhala ineccepibbli l-gudizzju tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali meta fis-sentenza tat-3 ta' Marzu 2015 fil-konfront tat-tmien akkuzati l-ohra, injorat il-verbal tal-prosekuzzjoni mertu ta' dan l-ilment u qieset l-akkuzi kollha li saru fil-konfront ta' dawn l-akkuzati. Din is-sentenza iggib fix-xejn l-ilment tar-rikorrenti illi l-Qorti munita bil-poter ta' gudizzju giet b'xi mod influenzata jew mgieghla tiskarta akkuzi fil-konfront tat-tmien ko-akkuzati mar-rikorrenti u b'hekk ir-rikorrenti ser isofru pregudizzju in kwantu l-provi prodotti fil-konfront taghhom.

Hi l-fehma tal-Qorti illi r-rikorrenti f'dan l-istadju ma jistghux jilmentaw li mhux ser ikollhom gudizzju li hu 'fair and just' fil-konfront taghhom peress illi nonostante l-verbal li fuqu sar l-ilment, dan il-verbal gie skartat mill-istess Qorti u xorta inghatat decizjoni tenut kont tal-fatti kollha skond l-akkuzi kollha migjuba kontra dawk li favur taghhom sar il-verbal bejn il-prosekuzzjoni u d-difiza. Dan juri li l-verbali tal-Qorti ma humiex jew ma kienux determinanti jew li influenzaw il-gudizzju tal-Qorti. Ma hemmx dubju dettat mir-raguni f'mohh din il-Qorti li l-proceduri sallum juru r-rikorrenti mhux ser jigu gudikati bl-istess mod komprensiv li gew gudikati t-tmien akkuzati l-ohra u fuq l-istess akkuzi li gew akkuzati l-ko-akkuzati l-ohra, u dan b'mod imparzjali, ugwali, u wara li r-rikorrenti jlestu l-provi kollha taghhom peress illi r-rikorrenti ghadhom sa issa qed iressqu l-provi taghhom b'mod mhux imxekkel jew imfixkel.

Il-Qorti ma tikkondividix il-fehma tar-rikorrenti illi d-difiza taghhom giet pregudikata bil-verbal jew bis-separazzjoni tal-gudizzju. Ma ngiebet ebda prova tangibbli ta' dan izda biss sottomissjoni ipotetika. In oltre s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat konferma u garanzija lir-rikorrenti illi ser jittiehdu in kunsiderazzjoni l-fatti u l-akkuzi kollha bhalma gew kunsidrati dawk li fuqhom gew akkuzati t-tmien ko-akkuzati. Il-Qorti tal-Magistrati b'hekk uriet u agixxiet b'mod imparzjali mat-tmien ko-akkuzati u ma hemm xejn sa dan l-istadju tal-proceduri li juru li r-rikorrenti mhux ser jircevu l-istess trattament. Hu wkoll fieragh l-argument tar-rikorrenti illi d-difiza taghhom giet pregudikata b'dan il-verbal ghax il-linja ta' difiza ittiehdet meta saru l-akkuzi u issa l-affarijiet inbidlu. Fil-fatt ma nbidel xejn ghax is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati fil-konfront tat-tmien akkuzati sar fuq l-istess akkuzi migjuba kontra r-rikorrenti u ghalhekk id-difiza tar-rikorrenti ma sofriet ebda tibdil apparti li ebda akkuza ma inbidlet fil-konfront tal-istess rikorrenti. Il-prezunzjoni tal-innocenza tal-akkuzati cioe r-rikorrenti ghadha mhix mittiefsa kif mhix mittiefsa l-linja ta' difiza li jixtiequ jaghmlu r-rikorrenti fil-proceduri kriminali sa dan il-mument fejn il-proceduri ghadhom mhumiex konkluzi.

**Ilment dwar diskriminazzjoni**

In kwantu ghad-driskriminazzjoni li jallegaw li sofrew ir-rikorrenti, ftit ghandu x'jinghad peress illi d-diskriminazzjoni allegata tinsorgi minn trattament differenti fl-akkuzi migjuba kontra l-akkuzati kollha u kif jirrizulta mis-sentenza tat-3 ta' Marzu 2015, il-Qorti iddecidiet l-akkuzi

kollha migjuba kontra l-ko-akkuzati mar-rikorrenti u ghalhekk l-akkuzati kollha gew trattati mill-Qorti bl-istess mod. In fin dei conti mhix il-prosekuzzjoni li tiggudika lil akkuzati inkluz lir-rikorrenti izda l-Qorti u l-agir tal-prosekuzzjoni sa dan l-istadju tal-proceduri bl-ebda mod ma xellef id-difiza li ghandhom dritt jaghmlu r-rikorenti biex jirribattu l-akkuzi migjuba kontrihom.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ l-eccezzjoni tal-intempestivita tal-azzjoni imressqa mill-intimati f’dan l-istadju u kwindi tastjeni milli tkompli tiehu konjizzjoni tal-ilment kostituzzjonali. Spejjez ghar-rikorrenti.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM--------------------------------